KONKLUŻJONIJIET TA' l-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ppreżentati fil-15 ta' Frar 2007 [1]

1. B'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Finanzgericht Köln (il-Ġermanja) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni ta' l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva tal-Kunsill 86/560/KEE, tas-17 ta' Novembru 1986, fir-rigward ta' l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi ta' ċaqliq ta' flus [dħul mill-bejgħ] — Arranġamenti għar-rifond [ħlas lura] tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil persuni taxxabbli li ma humiex stabbiliti fit-territorju tal-Komunità [2] (aktar 'il quddiem it-"Tlettax-il Direttiva").

2. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fis-sustanza, jekk din l-imsemmija dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-possibbiltà minnha prevista għall-Istati Membri li jissuġġettaw il-ħlas lura tat-taxxa fuq il-valur miżjud (aktar 'il quddiem il-"VAT") lil persuni taxxabbli mhux residenti fit-territorju tal-Komunità għall-għoti minn naħa ta' l-Istati terzi ta' vantaġġi simili rigward taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ hijiex applikabbli fil-konfront ta' l-Istati li, bħala parti mill-Ftehim Ġenerali tal-Kummerċ fis-Servizzi (bl-Ingliż General Agreement on Trade in Services; aktar 'il quddiem il-"GATS"), jistgħu jibbenefikaw mill-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit li hemm fl-Artikolu II(1) tal-GATS.

3. Din id-domanda hija magħmula fil-kuntest ta' kawża mressqa minn impriża stabbilita fir-Repubblika Ċeka, Řízení letového provozu ČR, s.p. (aktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), kontra l-Bundesamt für Finanzen (l-Uffiċċju Federali tat-Taxxa Ġermaniż) dwar il-leġittimità tal-konferma, minn dan ta' l-aħħar, taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti li tikseb ħlas lura tal-VAT imħallsa minnha fil-Ġermanja fl-2002 għall-provvista ta' servizzi li minnu hija kienet ibbenefikat fit-territorju Ġermaniż.

Il-kuntest normattiv ta' riferiment

4. B'deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 1994 [3], il-Kunsill kien approva f'isem il-Komunità,

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — ĠU L 326, p. 40.

3 — Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, għas-suġġetti ta' kompetenza tagħha, tal-ftehim ta' negozjati multilaterali ta' l-Uruguay Round (1986-1994) (ĠU L 336, p. 1).

relattivament għall-parti ta' kompetenza tiegħu, b'mod partikolari, il-Ftehim li waqqaf l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (aktar 'il quddiem l-"ODK") kif ukoll il-Ftehim fl-Annessi 1, 2 u 3 ta' l-imsemmi Ftehim, li fosthom jidher, bħala Anness 1 B, il-GATS.

5. L-Artikolu II tal-GATS, intitolat "Trattament tal-pajjiż l-aktar favorit", jipprevedi, fis-subinċiż (1), dan li ġej:

"F'dak li jikkonċerna l-miżuri maħsuba f'dan il-ftehim, kull membru huwa marbut li jagħti lis-servizzi u lil dawk li jagħtu servizzi ta' kull membru ieħor, b'mod immedjat u inkundizzjonat, trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti għal servizzi analogi u lil dawk li jagħtu servizzi ta' kull pajjiż ieħor."

6. L-Artikolu 2 tat-Tlettax-il Direttiva jiddisponi kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3 u 4, kull Stat Membru għandu jagħti r-rifond [l-ħlas lura] lil kull persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fit-territorju tal-Komunità, bla ħsara għall-kondizzjonijiet dikjarati hawn taħt, kull taxxa fuq il-valur miżjud taxxa fuq servizzi jew proprjetà mobbli fornita lilha fit-territorju jew fil-pajjiż minn persuni taxxabbli oħra jew taxxa fuq l-importazzjoni ta' oġġetti fil-pajjiż, safejn dawn l-oġġetti u servizzi jiġu wżati għall-iskopijiet ta' transazzjonijiet riferiti fl-Artikolu 17(3)(a) u (b) tad-Direttiva 77/388/KEE jew fid-disposizzjoni ta' servizzi riferiti fil-punt 1 (b) ta' l-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu r-rifondi [ħlas lura] li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 bil-kondizzjoni li terzi Stati jagħtu vantaġġi simili rigward taxxi fuq ċaqliq ta' flus [dħul mill-bejgħ].

[...]"

7. Is-sitt fraži ta' l-Artikolu 18(9) ta' l-Umsatzsteuergesetz 1999 (il-liġi Ġermaniża ta' l-1999 dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, aktar 'il quddiem l-"UstG")[4] tiddisponi kif ġej:

"Lill-imprenditur li m'għandux l-uffiċċju reġistrat tiegħu fit-territorju Komunitarju għandha titħallas lura t-taxxa mħallsa input jekk fil-pajjiż fejn l-imprenditur kellu l-bażi tiegħu ma tkunx ġiet miġbura t-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ jew taxxa analoga jew jekk

4 — BGBl 1999 I, p. 1270.

din it-taxxa titħallas lura lill-imprenditur li għandu l-bażi tiegħu fit-territorju Ġermaniż."

Il-kawża nazzjonali u d-domanda preliminari

8. Ir-rikorrenti hija impriża Ċeka li tipprovdi servizzi fil-qasam tas-sigurtà tat-titjir fl-ispazju ta' l-ajru li hemm fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. Hija toffri wkoll taħriġ ta' titjir li jsir esklużivament fl-imsemmi territorju.

9. Fil-kuntest ta' din l-aħħar attività, hija kienet irrikorriet fl-2002 għal taħriġ b'simulatur ta' l-ajru u għal korsijiet oħrajn ta' taħriġ mogħtija fil-Ġermanja minn impriżi Ġermaniżi, prestazzjonijiet suġġetti għall-VAT f'dan l-Istat. Peress li kienet ħallset il-VAT fuq l-istess prestazzjonijiet, ir-rikorrenti talbet il-ħlas lura, għas-somma ta' EUR 29 013,60 li tikkorrispondi għall-perijodu Jannar — Diċembru 2002, b'kawża li waslet fil-Bundesamt für Finanzen fis-7 ta' Lulju 2003.

10. B'deċiżjoni tat-12 ta' Frar 2004 din ta' l-aħħar ċaħdet il-kawża peress li ddeċidiet li f'din il-kawża mhijiex sodisfatta l-kundizzjoni ta' reċiproċità li hemm fis-sitt fraži ta' l-Artikolu 18(9) ta' l-UStG. Barra minn hekk, b'deċiżjoni tas-27 ta' April 2004, hija ċaħdet għall-istess motiv anki l-oppożizzjoni ppreżentata mir-rikorrenti kontra l-ewwel deċiżjoni.

11. Fil-5 ta' Mejju 2004, ir-rikorrenti ressqet għalhekk appell quddiem il-Finanzgericht Köln.

12. Fid-digriet tar-rinviju ġie rrilevat li l-ħlas lura favur ir-rikorrenti tat-taxxa mħallsa input fil-Ġermanja hija eskluża fid-dritt nazzjonali b'applikazzjoni tas-seba' fraži ta' l-Artikolu 18(9) ta' l-UStG. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li fiż-żmien ta' riferiment għall-ħlas lura r-Repubblika Ċeka ġabret taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, mingħajr ma tat però lill-impriżi Ġermaniżi l-ħlas lura tat-taxxa mħallsa input.

13. Il-qorti tar-rinviju tiddubita madankollu li s-seba' fraži ta' l-Artikolu 18(9) hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva, li fuqhom l-ewwel dispożizzjoni xorta waħda hija bbażata b'rispett ta' l-istil litterali. L-imsemmi qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva m'għandhux jiġi interpretat restrittivament, f'dak li jirrigwarda l-Istati Membri ta' l-ODK u għalhekk parti kontraenti tal-GATS, konformement mal-klawżola tal-paj-

jiż l-iktar favorit li fih l-Artikolu II(1) tal-GATS; jiġifieri jekk għandux jiġi deċiż, minħabba din l-aħħar dispożizzjoni, li d-dritt mogħti mill-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva li jissuġġetta l-ħlas lura tat-taxxa mħallsa input għar-rekwiżit tar-reċiproċità ma jiswiex fil-konfront ta' l-Istati Membri ta' l-ODK.

14. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li r-Repubblika Ċeka u l-Komunità Ewropea huma membri ta' l-ODK, u għalhekk partijiet kontraenti tal-GATS, mill-1 ta' Jannar 1995, u li l-Istati Membri tal-Komunità Ewropeà rrinunzjaw li japplikaw bejniethom kundizzjoni ta' reċiproċità simili għal dik li hemm fl-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva. Bla dubju għaldaqstant anki r-Repubblika Ċeka, abbażi ta' l-Artikolu II(1) tal-GATS, tista' toqgħod fuq trattament li jitbiegħed mill-kundizzjoni ta' reċiproċità [5].

15. Il-qorti tar-rinviju tirrielva wkoll li l-GATS huwa ftehim purament ta' dritt internazzjonali li jistabbilixxi drittijiet u obbligi biss bejn il-membri tiegħu u li l-ksur tal-GATS għandhom jiġu trattati, bħala prinċipju, abbażi biss tal-ftehim konkluż fl-ODK fuq ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw il-kontroversji. Madankollu, dan ma jfissirx, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, li l-Komunità Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha m'għandhomx jinterpretaw u japplikaw konformement mal-GATS l-atti ta' dritt Komunitarju derivat adottatti qabel l-adeżjoni għall-ODK, fosthom it-Tlettax-il Direttiva. Fil-fatt, il-ftehim, bħall-GATS, konkluż fil-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 300(7) KE, li jirreferi espressament għalih l-Artikolu 133 (3) KE, ikunu obbligatorji għall-istituzzjonijiet tal-Komunità u għall-Istati Membri ta' l-istess u jikkostitwixxu parti integrali tad-dritt Komunitarju.

16. Peress li tqis li s-soluzzjoni għall-kontroversja li tagħha ntalbet tieħu konjizzjoni tiddependi mill-kompatibbiltà tas-sitt fraži ta' l-Artikolu 18(9) ta' l-UStG ma l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva u peress li għandha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta ta' din l-aħħar dispożizzjoni, il-qorti tar-rinviju ssospendiet il-kawża u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

"L-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva [...] għandu jiġi interpretat restrittivament, fissens li d-dritt fih mogħti lill-Istati Membri li jissuġġettaw il-ħlas lura tal-VAT għall-għoti min-naħa ta' Stati terzi ta' vantaġġi simili fil-qasam tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ mhux qed tirreferi għal dawk l-Istati li, bħala parti

5 — Dan jirriżulta, skond il-qorti tar-rinviju, anki mill-fatt illi, għalkemm l-Artikolu II (2) tal-GATS ikun espressament ippreveda l-possibbiltà li jeskludi mill-kuntest ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu II(1) tal-GATS miżuri inkompatibbli mal-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit għalkemm dawn il-miżuri jkunu msemmija fl-Anness korrispondenti tal-Ftehim u jħarsu l-kundizzjonijiet hemmekk previsti, l-ebda riżerva ta' dan it-tip ġiet prevista, fl-isemmi Anness, bl-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva.

kontraenti [tal-GATS] (BGBl. 1994 II, p. 1473, [...]), jistgħu jużaw il-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit prevista f'dan il-ftehim (Artikolu II(1) tal-GATS)?"

Analiżi ġuridika

17. Il-partijiet li, skond l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kienu ppreżentaw noti ta' osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja — jiġifieri l-gvernijiet Ċiprijott u Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni — huma fi qbil bejniethom meta jsostnu, għalkemm għal motivi f'xi partijiet differenti, li d-domanda preliminari jistħoqqilha risposta negattiva [6].

18. Jien ukoll ta' l-istess fehma, għar-raġunijiet li ser nispjega.

19. Naħseb li huwa opportun li neżamina l-ewwel nett l-argumentazzjoni li fuqha l-Kummissjoni kitbet l-iktar fit-tul fin-nota ta' osservazzjonijiet u li biha fis-sustanza tenfasizza l-eżiġenza li ma tirrikonoxxix lil operatur stabbilit fi Stat terz, bħar-rikorrenti fiż-żmien tal-fatti [7], pożizzjoni assolutament aktar vantaġġjuża minn dik li jgawdu l-operaturi stabbiliti fi ħdan il-Komunità.

20. Il-Kummissjoni tosserva li s-sistema ta' ħlas lura tal-VAT favur persuni taxxabbli mhux residenti fl-Istat applikabbli fi ħdan il-Komunità skond id-Direttiva 79/1072/KEE [8] hija kkaratterizzata mill-qbil fil-prinċipju, muri mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Debouche [9], bejn id-dritt ta' ħlas lura u d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa mħallsa input. Il-Kummissjoni tosserva li, skond din is-sentenza, konformement ma' l-għan tas-sistema tad-Direttivi fuq il-VAT, persuna taxxabbli li tgawdi minn eżenzjoni u li, għalhekk, m'għandhiex dritt għal tnaqqis tat-taxxa mħallsa input ġol-pajjiż, m'għandhiex dritt għall-ħlas lura tal-VAT imħallsa fi Stat Membru ieħor [10].

21. Soluzzjoni analoga għandha tapplika, *a fortiori*, f'dak li jirrigwarda l-ħlas lura tal-VAT imħallsa input favur operaturi stabbiliti

6 — Il-Gvern Polakk jistieden madankollu lill-Qorti tal-Ġustizzja tillimita fiż-żmien l-effetti tad-deċiżjoni tagħha fejn ikun hemm risposta pożittiva għad-domanda preliminari.

7 — Kif inhu magħruf, ir-Repubblika Ċeka hija membru tal-Komunità Ewropea biss mill-1 ta' Mejju 2004.

8 — It-Tmien Direttiva tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 1979 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-persuni taxxabbli li m'humiex stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż (ĠU L 331, p. 11).

9 — Sentenza tas-26 ta' Settembru 1996, C-302/93, (Ġabra p. I-4495).

10 — Sentenza Debouche, iċċitata aktar 'il fuq, punt 15.

fi Stati terzi, u dan skond l-Artikolu 3(2) tat-Tlettax-il Direttiva, li jiddisponi li l-ħlas lura ta' l-Artikolu 2(1) ta' l-istess Direttiva ma' jistax jingħata taħt kundizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk applikabbli għal persuni taxxabli fil-Komunità. Għalhekk, skond il-Kummissjoni, jekk operatur stabbilit fi Stat Membru terz hemmhekk mhuwiex suġġett għall-VAT, ma jistax ikollu drittijiet dwar it-taxxa mħallsa input, u għalhekk ma jistax lanqas ikollu drittijiet għal ħlas lura fil-konfront ta' Stati Membri tal-Komunità li fihom kien eventwalment ħallas il-VAT input. Soluzzjoni kuntrarja tispiċċa tibbenefika lil dan l-operatur b'kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk applikabbli għal persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità.

22. Il-Kummissjoni tafferma barra dan li "l-possibbiltà li tnaqqas it-taxxa mħallsa input fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu bħala persuna taxxabbli tikkostitwixxi 'eżiġenza ta' reċiproċità' ta' dritt Komunitarju" u li "l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn tal-Komunità jistgħu wara kollox anki jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tat-tnaqqis tat-taxxa input". Jirriżulta minn dan "reċiproċità" bejn l-Istati Membri tal-Komunità [11].

23. Skond il-Kummissjoni, ir-rifjut ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi li jipproċedu għall-ħlas lura mitlub mir-rikorrenti ma tmurx kontra l-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit prevista mill-GATS. Dan ir-rifjut jiżvantaġġa r-rikorrenti mqabbel ma' l-impriżi stabbiliti fil-Komunità, iżda tkun konformi mas-sistema tal-VAT Komunitarja u għall-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza, in kwantu tevita li tpoġġi lir-rikorrenti — li mhijiex, skond il-Kummissjoni, persuna taxxabbli fis-sens tad-Direttiva 77/388/KEE [12] — f'sitwazzjoni aktar vantaġġjuża mqabbla ma' dik ta' l-impriżi stabbiliti fil-Komunità.

24. Għalhekk, jidhirli li l-fondatezza eventwali fil-fatt u fid-dritt ta' l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni li issa qed jiġu eżaminati — li hija bbażata fuq il-premessa, ta' natura fattwali, li r-rikorrenti, fiż-żmien tal-fatti ma kinitx għada suġġetta għal taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fl-Istat fejn hija kienet stabbilita — m'għandhiex aktar effett fuq il-mertu tad-domanda preliminari, li hija magħmula f'termini ta' interpretazzjoni eżatta tal-kliem u titbiegħed għalhekk miċ-ċirkustanzi li jikkaratterizzaw din il-kawża.

25. Il-problema li din l-argumentazzjoni tidher li tqajjem hija dik tar-rilevanza tad-domanda preliminari għall-għanijiet tad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Finanzgericht Köln, u għalhekk dik ta' l-ammissibbiltà ta' l-istess kwistjoni.

11 — Nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, punt 20, *in fine*.

12 — Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

26. Fejn, fil-fatt, jirriżulta li fil-perijodu in kwistjoni r-rikorrenti ma kinitx fil-fatt suġġetta għal taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fir-Repubblika Ċeka jew li, anki jekk kienet hekk, ma kinitx tgawdi fl-imsemmi Stat mittnaqqis tat-taxxa mħallsa input, l-invokazzjoni min-naħa tagħha — skond interpretazzjoni ta' l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva bi qbil ma' l-Artikolu II(1) tal-GATS — ta' l-istess trattament li l-Ġermanja tassigura, fil-qasam tal-ħlas lura tal-VAT mħallsa input, lill-impriżi Komunitarji ma tistax f'ebda każ tgħinha fis-sens li tikseb l-imsemmi ħlas lura.

27. L-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju dwar il-ħlas lura tal-VAT lil-persuni taxxabbli residenti fi Stat Membru ieħor tal-Komunità magħmula mill-Kummissjoni, skond is-sentenza Debouche, jidhirli, fil-fatt, korretta. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat irrabta li hemm bejn id-dritt għal tnaqqis fl-Istat Membru ta' stabbiliment u d-dritt għal ħlas lura fi Stat Membru ieħor li fiha l-ispejjeż ikunu saru. Hija fil-fatt iddeċidiet li persuna taxxabbli li tgawdi minn eżenzjoni u li, għalhekk, m'għandhiex dritt għal tnaqqis mit-taxxa mħallsa input fl-Istat Membru ta' stabbiliment m'għandhiex dritt lanqas, skond l-għan tas-sistema tad-Direttivi tal-VAT, għal ħlas lura tal-VAT imħallsa fi Stat Membru ieħor [13].

13 — F'dan is-sens, tiġi mfakkra s-sentenza Debouche, iċċitata aktar 'il fuq (punt 15), sentenza tat-13 ta' Lulju 2000, Monte dei Paschi di Siena (C-136/99, Ġabra p. I-6109, punt 23).

28. Wara li ngħad dan, naħseb, madankollu, li m'għandux ikun hemm dubji serji fuq l-ammissibbiltà, mil-lat tar-rilevanza għal din il-kawża, tad-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju.

29. F'dan ir-rigward, infakkar li skond ġurisprudenza kostanti, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, stabbilita mill-Artikolu 234 KE, huwa biss l-imħallef nazzjonali, li quddiemu titressaq il-kawża u li jrid jieħu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandu jevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex ikun f'pożizzjoni li jagħti d-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huwa jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sakemm id-domandi preliminari magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, għandha tiddeċiedi [14]. Iċ-ċaħda tad-domanda ppreżentata minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jidher ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju minn dan l-Imħallef m'għandhiex x'taqsam ma' l-effettività jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew inkella meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew il-Qorti tal-Ġustizzja ma' jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex twieġeb b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [15].

14 — Sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman *et* (C 415/93, Ġabra p. I-4921, punt 59); tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner (C 7/97, Ġabra p. I-7791, punt 16), u tat-23 ta' Novembru 2006, Asnef-Equifax (C-238/05, Ġabra, p-11125, punt 15).

15 — Sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Bosman *et*, punt 61; Bronner, punt 17, u Asnef-Equifax, punt 17.

30. Madankollu, l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni eżaminata issa ma turix li waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija hija l-każ f'din il-kawża.

31. F'dan ir-rigward, nosserva, l-ewwel nett, li l-premessa fattwali li fuqha hija bbażata din l-argumentazzjoni, jiġifieri ċ-ċirkustanza li r-rikorrenti, fiż-żmien tal-fatti, ma kinitx suġġetta għal taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fir-Repubblika Ċeka, huwa sempliċiment iddikjarat mill-Kummissjoni, iżda ma tirriżultax ikkonfermata mill-informazzjoni li hemm fid-digriet tar-rinviju.

32. Din ta' l-aħħar m'għandhiex informazzjoni preċiża dwar is-sistema fiskali fis-seħħ fir-Repubblika Ċeka fiż-żmien tal-fatti. Fil-p. 5(cc) ta' dan id-digriet huwa indikat li "it-taxxi li l-fattura tagħhom intbagħtet lir-rikorrenti huma wkoll mnaqqsa bħala taxxi mħallsa input [...] peress li r-rikorrenti stess kienet debitriċi tat-taxxi". Fil-paġna 6(bbb), huwa rrilevat li "fil-perijodu ta' riferiment tal-ħlas lura r-Repubblika Ċeka kienet effettivament ġabret taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, iżda fiż-żmien ma kienet tagħti lill-impriżi nazzjonali ebda ħlas lura tat-taxxa mħallsa input"; u tiżdied barra minn hekk il-konstatazzjoni, li tidher essenzjali għall-qorti tar-rinviju, li għall-impriżi Ġermaniżi ma jingħatax ħlas lura simili tat-taxxa mħallsa input fir-Repubblika Ċeka.

33. Mid-digriet tar-rinviju ma jirriżulta blebda mod li r-rikorrenti, fiż-żmien tal-fatti, ma kinitx suġġetta għal taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fir-Repubblika Ċeka. Għalkemm it-tieni silta tad-digriet li kkwotajt fil-punt preċedenti jidher li jissuġġerixxi li r-rikorrenti ma setgħetx tgawdi fl-imsemmi Stat minn tnaqqis tat-taxxa mħallsa input, ma jidhirlix li jista' jingħad li din iċ-ċirkustanza tidher b'mod mhux ambigwu, u għalhekk manifest, fid-digriet stess.

34. Barra minn hekk, anki jekk din iċ-ċirkustanza tiġi kkonfermata, id-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju ma titlifx għalhekk neċessarjament rilevanza għall-għanijiet tad-deċiżjoni li hija msejħa tadotta. Huwa opportun, f'dan ir-rigward, li jiġi mfakkar li, skond dak li jirriżulta middigriet tar-rinviju, id-deċiżjoni ta' ċaħda talħlas lura adottata mill-Bundesamt für Finanzen hija bbażata sempliċement fuq in-nuqqas ta' reċiproċità skond is-seba' frażi ta' l-Artikolu 18(9) ta' l-UStG, u li l-qorti tar-rinviju tiddubita mill-korrettezza ta' l-imsemmija motivazzjoni peress li għandha dubji fuq il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni ma' l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva.

35. Dak li għalhekk jidher li jinteressa lill-qorti tar-rinviju huwa li tkun taf jekk il-Bundesamt für Finanzen setgħetx validament tqajjem l-oġġezzjoni kontra r-rikorrenti tannuqqas ta' reċiproċità bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja dwar il-previżjoni minnaħa ta' kull Stat tad-dritt ta' ħlas lura tat-

taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ mħallsa input fl-imsemmi Stat minn operaturi stabbiliti fl-Istat l-ieħor, meta l-Ġermanja ma tissuġġettax għall-eżistenza ta' reċiproċità l-għoti ta' dan il-benefiċċju lil operaturi stabbiliti fl-Istati Membri l-oħrajn tal-Komunità.

36. Naħseb li jkun utli li nippreċiża, minħabba ċerta ambigwità fil-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni li jiena ċċitajt fil-punt 22 'il fuq, li ma tistax tiddikjara li s-sistema ta' regoli stabbilita mid-Direttivi Komunitarji fil-qasam tal-VAT taċċetta li l-Istati Membri tal-Komunità jissuġġettaw għal kundizzjoni ta' reċiproċità l-applikazzjoni tar-regoli interni li jittrasponu d-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-ħlas lura tal-VAT lil persuni taxxabbli residenti fi Stat Membru ieħor. Il-fatt li komponent ta' din is-sistema ta' regoli, għal dak li jirrigwarda l-ħlas lura, hija rrappreżentata minn forma ta' rikonoxximent reċiproku tal-leġiżlazzjonijiet interni li jirregolaw it-taxxa u d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa mħallsa input ma jfissir bl-ebda mod li huwa aċċettat li l-Istati Membri jużaw kundizzjoni ta' reċiproċità fl-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni. Kull Stat Membru huwa obbligat jikkonferma d-dritt tiegħu b'mod li jassigura lill-operaturi stabbiliti fl-Istati Membri oħrajn, għall-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-ħlas lura tal-VAT imħallsa input fuq tranżazzjonijiet li saru fit-territorju tiegħu, u għalhekk jitbiegħed mir-rispett effettiv ta' dan l-obbligu min-naħa ta' l-Istati Membri l-oħra.

37. Għalhekk, fl-ipoteżi li fiha r-rikorrenti fil-perijodu in kwistjoni tkun suġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ u tibbenefika mit-tnaqqis tat-taxxa mħallsa input fl-Istat ta' stabbiliment, risposta pożittiva għad-domanda preliminari timplika d-dritt tiegħu għall-ħlas lura simili għal dak ipprattikat fil-Ġermanja għal operatur Komunitarju li jinsab fl-istess kundizzjonijiet.

38. Fl-ipoteżi, iżda, li r-rikorrenti, dak iż-żmien, ma kinitx suġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ jew xort'oħra ma gawdietx mit-tnaqqis tat-taxxa mħallsa input fl-Istat tagħha ta' stabbiliment, hija ma tistax ċertament tikseb il-ħlas lura mitlub billi tinvoka trattament Komunitarju; iżda risposta pożittiva għad-domanda preliminari timplika li deċiżjoni ta' ċaħda ta' dan il-ħlas lura ma tistax tkun ibbażata fuq il-motivazzjoni li fuqha qagħdet il-Bundesamt für Finanzen.

39. Anki f'din it-tieni ipoteżi, għalhekk, ma huwa bl-ebda mod eskluż li, għalkemm ir-rikorrenti ma tistax tikseb il-ħlas lura mitlub, id-domanda prelimiari magħmula mill-qorti tar-rinviju tkun tista' madankollu tirriżulta rilevanti għall-għan li ssolvi l-kontroversja rrinvijata quddiemha, partikolarment fid-

dawl ta' sostituzzjoni eventwali tal-motivi tad-deċiżjoni tal-Bundesamt für Finanzen [16].

40. Naħseb għalhekk — għalkemm tibqa' kompetenza tal-qorti tar-rinviju, fil-każ ta' risposta pożittiva għad-domanda preliminari min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tivverifika jekk ir-rikorrenti, fiż-żmien tal-fatti, kinitx suġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fir-Repubblika Ċeka u kellhiex dritt tat-tnaqqis tat-taxxa mħallsa input — li l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni li jien għadni kif eżaminajt mhux biss ma tolqotx id-domanda preliminari, iżda lanqas turi l-irrilevanza manifesta tagħha għall-għanijiet ta' deċiżjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju, u lanqas għalhekk l-inammissibbiltà tad-domanda preliminari konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 234 KE.

41. Jekk ngħaddu għalhekk għall-mertu tad-domanda preliminari, nikkunsidra qabel kollox mhux fondat l-argument imqajjem mill-Gvern Pollakk li jgħid li l-Artikolu II(1) tal-GATS mhuwiex rilevanti f'din il-kawża peress li r-regola li hemm stabbilita hemmekk hija applikabbli esklużivament għall-prestazzjonijiet ta' servizzi u mhux għat-trattament fiskali rriżervat għaliha. Kif ġustament osservat il-Kummissjoni fir-risposta tagħha għad-domanda miktuba li, fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet lill-partijiet waqt il-proċediment, il-miżuri ta' natura fiskali mhumiex imnaqqsa mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GATS.

42. F'dan ir-rigward, nosserva li d-definizzjoni tal-miżuri li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GATS hija estremament wiesgħa. Skond l-Artikolu I(1), il-GATS "hija applikabbli għal provvedimenti adottati mill-membri li jolqtu l-kummerċ ta' servizzi" [17], fejn għal "provvedimenti adottati mill-membri" għandu jinftiehem, skond ir-regola ta' l-Artikolu I(3)(a) tal-GATS, miżuri adottati minn "awtoritajiet u gvernijiet ċentrali, reġjonali jew lokali" u minn "organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-eżerċizzju tas-setgħat delegati lilhom minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali". Barra dan, kif muri mill-Kummissjoni, l-Artikolu XXVIII(a) tal-GATS jippreċiża li għall-għanijiet ta' l-istess ftehim, "'miżura' tfisser kull miżura adottata minn membru, taħt il-forma ta' liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, provvediment amministrattiv jew kull forma oħra". Fl-aħħar nett, riferimenti speċifiċi għall-qasam tat-taxxi jinsabu f'dispożizzjonijiet oħrajn tal-GATS, bħall-Artikolu XIV(d) u (e), u l-Artikolu XXVIII(o).

16 — Mhuwiex wara kollox inutli li jiġi enfasizzat illi, kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, ir-rikorrenti ma bbażatax ir-rikors tagħha quddiem il-Finanzgericht Köln fuq il-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit li hemm fl-Artikolu II(1) tal-GATS, iżda jidhirli li kienet il-qorti tar-rinviju li qajmet *ex officio* d-domanda preliminari li qed tiġi eżaminata.

17 — Skond l-Organu ta' Appell istitwit fi ħdan l-ODK, l-użu, fl-Artikolu I(1) tal-GATS, tat-terminu "jolqtu", li jidentifika miżuri li għandhom "effett" fuq l-iskambju ta' servizi, jirrifletti l-ħsieb ta' l-awturi tal-GATS li jagħtu lil dan il-ftehim kamp ta' applikazzjoni wiesgħa: [rapport WT/DS27/AB/R, "*European Communities — Bananas*" , tal-25 ta' Settembru 1997 (li jinsab fis-sit internet ta' l-ODK: www.wto.org), punt 220].

43. Għandi wkoll nindika aspett differenti, li ma ġiex irrilevat la fid-digriet tar-rinviju u lanqas fl-osservazzjonijiet miktuba ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja u li għandu x'jaqsam ma' l-imsejħa "preferenza Komunitarja" bħala sistema ta' derogi għall-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit li hemm fl-Artikolu II(1) tal-GATS.

44. Lil hinn, fil-fatt, mill-eżenzjonijiet speċifiċi ta' l-Artikolu II(2) tal-GATS li għandhom jiġu previsti fl-Anness speċifiku tal-ftehim stess, il-GATS jipprevedi serje ta' derogi ulterjuri għat-trattament tal-pajjiż l-aktar favorit, fosthom dik tar-*ratione personae* li hemm fl-Artikolu V, dwar l-"Integrazzjoni ekonomika".

45. Dan l-Artikolu, fis-subinċiż (1) tiegħu, jippreċiża li l-GATS "ma jżommx lill-membri tagħha milli jiffirmaw jew jikkonkludu ftehim li jilliberalizza l-kummerċ ta' servizzi bejn il-partijiet kontraenti", sakemm ċertu numru ta' kundizzjonijiet ikunu mħarsa: li jkunu koperti "numru sostanzjali ta' oqsma" [Artikolu V(1)(a)], tneħħija ta' miżuri diskriminatorji u/jew projbizzjoni ta' oħrajn ġodda jew aktar severi [Artikolu V(1)(b)], għan li jiġi inkoraġġit il-kummerċ bejn il-partijiet kontraenti u nuqqas li jittella' l-livell ġenerali tal-barrieri għall-kummerċ ta' servizzi, fil-kuntest ta' l-oqsma u partijiet ta' oqsma rispettivi, fir-rigward ta' membri li mhumiex partijiet fil-ftehim [Artikolu V(4)].

46. Fis-sustanza, l-Artikolu V jħalli, għall-imsemmija kundizzjonijiet, miżuri adottati skond ftehim ta' integrazzjoni ekonomika — tipikament immirati li jħallu lill-partijiet kontraenti li jaslu bejniethom għal grad ta' liberalizzazzjoni ogħla minn dak miksub bejn il-membri ta' l-ODK — li jkun mod ieħor inkompatibbli ma l-obbligu tat-trattament tal-pajjiż l-iktar favorit li hemm fl-Artikolu II [18].

47. Għalhekk, jekk u safejn it-Trattat KE jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mill-Artiklolu V tal-GATS, Stat li huwa membru ta' l-ODK u mhux tal-Komunità ma jistax jippretendi, billi jinvoka l-Artikolu II(1) tal-GATS, li min jagħti servizzi li hu stabbilit fit-territorju tiegħu jingħata minn Stat Membru tal-Komunità l-istess trattament irriżervat lil dan ta' l-aħħar, konformement mad-dritt Komunitarju, lil min jagħti servizzi li hu stabbilit fi Stat Membru tal-Komunità. F'ċirkustanzi simili ma tistax ma tingħatax lid-domanda preliminari risposta negattiva.

48. Minn dan li għidt, ma naħsibx li hu meħtieġ, għall-għanijiet ta' dan il-proċedi-ment preliminari, li nivverifika jekk it-Trattat KE jissodisfax effettivament il-kundizzjonijiet kollha msemmija, eżami li jista' jippreżenta ċerta kumplessità speċjalment

18 — Rapport tal-Bord WT/DS139/R u WT/DS142/R, "*Canada — Certain Mesures Affecting the Automotive Industry*", tal-11 ta' Frar 2000 (li jinstab fis-sit Internet ta' l-ODK: www.wto.org), punt 10.271.

b'konnessjoni mal-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' nuqqas li jogħla l-livell ġenerali tal-barrieri ta' skambji ta' servizzi fir-rigward tal-membri li mhumiex partijiet għall-ftehim *fil-kuntest tal-qasam jew parti minn qasam interessat.*

49. Fil-fatt, anki meta jekk tieħu l-ipoteżi li jista' jiġi konkluż fis-sens li t-Trattat KE ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, u li għalhekk is-sitwazzjoni tar-rikorrenti tista' fit-teorija tkun applikabbli għat-trattament Komunitarju skond l-Artikolu II(1) tal-GATS, jidhirli evidenti li, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effetti tal-ftehim ta' l-ODK fuq livell intern Komunitarju, ma tistax ma tingħatax lid-domanda preliminari risposta f'sens negattiv.

50. F'dan ir-rigward, għandu qabel kollox jiġi mfakkar, kif għamlu l-partijiet kollha li ppreżentaw noti bil-miktub, li, skond ġurisprudenza stabbilita, fid-dawl tan-natura tagħhom u l-istruttura tagħhom, il-ftehim ta' l-ODK ma jidhrux f'linja ta' prinċipju fost regoli li fid-dawl tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ il-leġittimità ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji [19]. Min-naħa l-oħra, għall-istess raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' l-ODK mhumiex adatti li joħolqu għal individwi drittijiet li dawn jistgħu jinvokaw direttament quddiem il-qorti skond id-dritt Komunitarju [20].

51. Huwa biss fil-każ li l-Komunità riedet teżegwixxi obbligu partikolari meħud fil-kuntest ta' l-ODK, jiġifieri fil-każ li l-att Komunitarju jirreferi għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-ftehim ta' l-ODK, li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-kompetenza li tistħarreġ il-leġittimità ta' l-Att Komunitarju kontroversjali fid-dawl tar-regoli ta' l-ODK [21].

52. Peress li ġie rrilevat f'din il-kawża li l-Komunità ma riditx teżegwixxi obbligu partikolari meħud fil-kuntest ta' l-ODK u li t-Tlettax-il Direttiva ma tirriferix espressament għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-ftehim ta' l-ODK, il-gvernijiet Ċiprijott u Pollakk isostnu li l-ġurisprudenza msemmija fil-punt 50 aktar 'il fuq timplika risposta negattiva għad-domanda preliminari magħmula mill-Finanzgericht Köln.

53. Għandu madankollu jiġi enfasizzat li f'din il-kawża l-Artikolu II(1) tal-GATS mhuwiex invokat sabiex jikkontesta l-validità

19 — Sentenzi tat-23 ta' Novembru 1999, C-149/96, Il-Portugall vs Il-Kunsill (Ġabra p. I-8395, punt 47), u 14 ta' Diċembru 2000, C-300/98 u C-392/98, Dior *et* (Ġabra p. I-11307, punt 43); digriet tat-2 ta' Mejju 2001, C-307/99, OGT Fruchthandelsgesellschaft (Ġabra p. I-3159, punt 24), u s-sentenza ta' l-1 ta' Marzu 2005, C-377/02, Van Parys (Ġabra p. I-1465, punt 39).

20 — Sentenza Dior *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 44, u d-digriet OGT Fruchthandelsgesellschaft, iċċitat aktar 'il fuq, punt 25.

21 — Sentenzi ċċitati aktar 'il fuq, Il-Portugall vs Il-Kunsill, punt 49, u Van Parys, punt 40.

ta' l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva. Kif il-Kummissjoni ġustament osservat, id-domanda preliminari ma tirrigwardax l-effikaċja eventwali diretta [22] tal-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit prevista mill-GATS, iżda l-interpretazzjoni, konformi mad-dritt ta' l-ODK, tal-klawożla ta' reċiproċità dwar il-ħlas lura tat-taxxa mħallsa input prevista mit-Tlettax-il Direttiva [23].

54. F'dan ir-rigward, ġustament il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-ftehim internazzjonali konklużi, bħall-GATS, għall-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 228 tat-Trattat KE (li sar Artikolu 300 KE), huma, skond is-subinċiż (7) ta' l-istess Artikolu, obbligatorji għall-istituzzjonijiet tal-Komunità u għall-Istati Membri.

55. Għalhekk, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prevalenza tal-ftehim internazzjonali konkluż mill-Komunità skond ir-regoli ta' dritt Komunitarju derivat ifisser li għandek tinterpreta dawn ta' l-aħħar b'mod kemm jista' jkun possibbli konformi mal-ftehim [24].

56. Din il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tirriżulta kkonfermata u msaħħa mid-deċiżjonijiet li bihom, minkejja li tirreferi għall-ġurisprudenza li indikajt fil-punt 50 iktar 'il fuq, hija stabbilixxiet li, f'qasam li fih jiġi applikat il-ftehim fuq l-Aspetti tad-Drittijiet ta' l-Awtur Konnessi mal-Kummerċ (aktar 'il quddiem il-"ftehim ADPIC") — li jikkostitwixxi l-Anness 1 C tal-Ftehim li jissostiwixxi l-ODK — u li biha l-Komunità diġà lleġiżlat, bħal fil-qasam tat-trade marks, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istati Membri huma marbuta, skond id-dritt Komunitarju, meta jiġu msejħa japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom sabiex jieħdu miżuri provviżorji li jħarsu dan il-qasam, li jagħmlu dan fil-limiti

22 — Bħall-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet miktuba tagħha, qed nuża l-espressjoni "effikaċja diretta" f'sens wiesgħa, li biha rrid infisser, barra l-effikaċja (jew l-invokabbiltà) "ta' sostituzzjoni" – jiġifieri l-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni mal-ftehim internazzjonali, in kwantu sors ta' drittijiet u obbligi, li tkun applikabbli għall-każ konkret minflok ir-regola konfliġġenti (tad-dritt Komunitarja derivat jew tad-dritt nazzjonali) li kieku tkun applikabbli –, anki l-effikaċja (jew l-invokabbiltà) "ta' esklużjoni", jiġifieri l-kapaċità ta' dik id-dispożizzjoni, in kwantu parametru ta' leġittimità, li twaqqaf l-effikaċja ta' din ir-regola, minghajr ma tidhol minflokha. Fuq id-distinzjoni kunċettwali bejn l-invokabbiltà ta' sostituzzjoni u invokabbiltà ta' esklużjoni, fil-kuntest iżda tar-relazzjonijiet bejn id-direttivi Komunitarji u r-regoli ta' dritt intern ta' l-Istati membri, nirreferi għall-konklużjonijiet ta' l-Avukati Ġenerali Saggio, fil-kawżi magħquda, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (iddefiniti bis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941, punti 37 sa 39), u Linster, (sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, C-287/98, Ġabra p. I-6917, punti 55 sa 77).

23 — Nirrileva madankollu li t-Tlettax-il Direttiva hija preċedenti għall-ftehim ta' l-ODK (konkluż fl-1994) u qatt ma ġiet emendata, li għalhekk la tirreferi espressament għal dispożizzjonijiet preċiżi ta' dan il-ftehim u lanqas il-Komunità ma setgħet trid tifhem li biha għandha timplementa obbligu partikolari meħud fil-kuntest ta' l-ODK. Inżid barra dan li t-test tad-Direttiva ma jippermetti lanqas li jiġi kkunsidrat illi, meta adottatha, il-Komunità riedet timplementa obbligu partikolari li ġej mill-Ftehim Ġenerali fuq id-Dazji tad-Dwana u tal-Kummerċ (aktar 'il quddiem il-"GATT") ta' l-1947, li wara kollox, ma jkoprix il-qasam tas-servizzi.

24 — Sentenza ta' l-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-61/94, Ġabra p. I-3989, punt 52). Diġà fis-sentenza ta' l-24 ta' Novembru 1992, Poulsen u Diva Navigation (C-286/90, Ġabra p. I-6019, punti 9 u 11), billi bbażat ruħha fuq il-premessa li l-kompetenzi tal-Komunità għandhom jiġu eżerċitati fil-ħarsien tad-dritt internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet stqarret li l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3094, tas-7 ta' Ottubru 1986, li jistitwixxi miżuri tekniċi għall-ħarsien tar-riżorsi tas-sajd (ĠU 1982, L 288, p. 1), kellha tiġi interpretata, u l-kamp ta' applikazzjoni limitata tagħha, fid-dawl tar-regoli rilevanti tad-dritt marittimu internazzjonali, fosthom dawk li jinsabu fil-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Atlantiku ta' Fuq (ĠU L 378, p. 25) stipulata mill-Komunità fl-1982. Barra dan, fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 1995, Werner (C-70/94, Ġabra p. I-3189, punt 23), u Leifer *et* (C-83/94, Ġabra p. I-3231, punt 24), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet irriferiet għall-Artikolu XI tal-GATT u kkunsidratu "rilevanti għall-għanijiet ta' interpretazzjoni ta' sistema ta' regoli Komunitarji dwar il-kummerċ internazzjonali".

ta' dak li hu possibbli fid-dawl tat-test u ta' l-għan ta' l-Artikolu 50 tal-Ftehim ADPIC [25].

57. Għalhekk, b'differenza għal dak li sostnew il-gvernijiet Ċiprijott u Pollakk, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja n-nuqqas ta' effikaċja diretta tal-ftehim ta' l-ODK ma jeskludix l-obbligu għall-qrati Komunitarji u nazzjonali li jinterpretaw ir-regoli Komunitarji ta' dritt derivat, safejn ikun possibbli, skond id-dispożizzjonijiet li hemm fl-imsemmi ftehim.

58. Dan l-obbligu, madankollu, kif turi b'mod opportun il-Kummissjoni, hija limitata għal "dak li hu possibbli". Dan ifisser li r-regola Komunitarja li għandha tiġi interpetata għandha tħalli spazju għal diversi interpretazzjonijiet possibbli. Fejn, iżda, ittifsira tagħha hija ambigwa u kuntrastanti mal-portata tad-dispożizzjoni, ta' grad aktar għoli, tal-ftehim internazzjonali, hija ma tistax tiġi intepretata konformement ma' din ta' l-aħħar, fejn li tinterpretha biss *contra legem*, li jfisser li ġġib fix-xejn il-preċett, huwa possibbli li tasal għal riżultat konformi mal-ftehim. Din in-newtralizzazzjoni tar-regola Komunitarja b'osservanza tad-dispożizzjoni tal-ftehim internazzjonali tipprežupponi madankollu li din ta' l-aħħar twettaq xi effett dirett, almenu ta' "esklużjoni" [26], fl-ordinament Komunitarju, effett li, iżda, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 50 u 51 iktar 'il fuq, ma jistax jinstab f'dan il-każ.

59. Għalhekk jidhirli li l-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva ma jħallix spazju għal dubji interpretattivi dwar l-identifikazzjoni ta' l-Istati terzi li fil-konfront tagħhom l-Istati Membri tal-Komunità huma awtorizzati jsostnu l-kundizzjoni ta' reċiproċità għall-għanijiet ta' ħlas lura, skond is-subinċiż (1) ta' l-istess Artikolu, tal-VAT imħallsa input minn persuna taxxabbli mhux residenti fit-territorju tal-Komunità. Id-dispożizzjoni in eżami tirrferi b'mod ċar u mingħajr distinzjoni għall-Istati terzi kollha, mingħajr ma tippermetti li jkun hemm esklużjonijiet possibbli.

60. L-Artikolu 2(2) tat-Tlettax-il Direttiva, minħabba t-tifsira litterali mingħajr ambigwità, ma jistax, fil-fehma tiegħi, jiġi interpretat restrittivament kif ġie indikat fid-domanda preliminari.

25 — Sentenzi Dior *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 47, u tas-16 ta' Novembru 2004, Anheuser-Busch (C-245/02, Ġabra p. I-10989, punt 55).

26 — Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 22, iktar 'il quddiem.

Konklużjoni

61. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domanda magħmula mill-Finanzgericht Köln fit-termini li ġejin:

"L-Artikolu 2 (2), tat-Tlettax-il Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 1986, 86/560/KEE, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi ta' ċaqliq ta' flus [dħul mill-bejgħ] — Arranġamenti għar-rifond [ħlas lura] tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil persuni taxxabbli li ma humiex stabbiliti fit-territorju tal-Komunità, għandha tiġi interpretata fis-sens li d-dritt, fih mogħti lill-Istati Membri, li jissuġġettaw il-ħlas lura tal-VAT imħallsa input minn persuni taxxabbli mhux residenti fit-territorju tal-Komunità għall-għoti min-naħa ta' l-Istati terzi ta' vantaġġi simili fil-qasam tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ jista' jiġi eżerċitat fil-konfront ta' l-Istati terzi, inkluż fosthom dawk li, in kwantu partijiet kontraenti fil-Ftehim Ġenerali tal-Kummerċ fis-Servizzi, jistgħu jinvokaw il-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit li hemm fl-Artikolu II(1) ta' dan il-ftehim."